

## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Frar 2008

**dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-emendi għall-Protokoll li jiffissa, għall-perjodu mit-18 ta' Jannar 2005 sas-17 ta' Jannar 2011, l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tas-Seychelles**

(2008/150/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

żieda fit-tunnellaġġ ta' referenza, l-introduzzjoni ta' appoġġ għal sħubija u l-emenda fil-proporzjon tal-parti mħallsa mis-sidien tal-bastimenti u dik imħallsa mill-baġit Komunitarju.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2),

- (3) Sabiex dawn l-emendi għall-Protokoll attwali jkunu applikabbli mit-18 ta' Jannar 2008, jeħtieġ li jiġi ffirmat il-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, b'riżerva għall-konklużjoni definittiva tal-Kunsill.

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

- (4) Dawn l-emendi ma jinċidux fuq il-metodu ta' l-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri,

Billi:

- (1) Il-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja stipulati fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tas-Seychelles, għall-perjodu mit-18 ta' Jannar 2005 sas-17 ta' Jannar 2011, ġie adottat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 115/2006 <sup>(1)</sup> fit-23 ta' Jannar 2006.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-emendi għall-Protokoll li jiffissa, għall-perjodu mit-18 ta' Jannar 2005 sas-17 ta' Jannar 2011, l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tas-Seychelles huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

- (2) Fid-dawl ta' l-użu estensiv tal-Ftehim tas-sajd attwali u l-interess ta' l-awtoritajiet tas-Seychelles li jsaħħu s-sħubija kif ukoll l-interess ta' l-awtoritajiet Komunitarji li jarmonizzaw dan il-Protokoll mal-protokolli l-oħra tat-tonn, iż-żewġ Partijiet inizjalaw l-emendi għall-Protokoll attwali, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri. Ir-riżultati ta' dawn l-emendi kienu s-suġġett ta' skambju ta' ittri u jirrigwardaw

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 21, 25.1.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri fisem il-Komunità suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jiġi applikat provviżorjament mit-18 ta' Jannar 2008.

*Artikolu 4*

L-opportunitajiet tas-sajd stipulati mill-Protokoll u deċiżi fir-Regolament tal-Kunsill Nru 115/2006 tat-23 ta' Jannar 2006 ma jinbidlux u huma kkonfermati skond l-allokazzjonijiet segwenti:

Kategoriji tas-sajd	Stat Membru	L-opportunitajiet ta' sajd
Bastimenti għas-sajd tat-tonn bit-tartarun	Franza	17-il bastiment
	Spanja	22 bastiment
	L-Italja	bastiment wieħed
Bastimenti bil-konzijiet tal-wiċċ	Spanja	2 bastimenti
	Franza	5 bastimenti
	Il-Portugall	5 bastimenti

Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' dawn l-Istati Membri ma jkoprox id-drittijiet tas-sajd stipulati mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Frar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. BAJUK

**FTEHIM**

**fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' l-emendi lill-Protokoll li jiffissa, għall-perjodu mit-18 ta' Jannar 2008 sas-17 ta' Jannar 2011, l-oportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tas-Seychelles**

*A. Ittra mill-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles*

Sinjur,

Huwa ta' pjaċir għalija li n-negozjaturi tar-Repubblika tas-Seychelles u tal-Komunità Ewropea waslu għal ftehim dwar l-emendi għall-Protokoll li jistipula l-oportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja u l-Anness tiegħu.

Ir-riżultat ta' dawn in-negozjati li saru fi Brussell fl-20 u l-21 ta' Marzu 2007, serwev biex jiġu riveduti l-oportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-Protokoll li jstabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja stipulati fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tas-Seychelles, għall-perjodu mit-18 ta' Jannar 2005 sas-17 ta' Jannar 2011. L-emendi għal dan il-Protokoll jinsabu annessi. Wara li l-Protokoll ġie emendat u inizjalat miż-żewġ Partijiet fil-21 ta' Marzu 2007, nipproponi li nġaddu għall-proċeduri ta' approvazzjoni u/jew ta' ratifika tat-testi tal-Protokoll kif emendat, ta' l-Anness tiegħu u ta' l-Appendiċi, skond il-proċeduri fis-seħħ fir-Repubblika tas-Seychelles u fil-Komunità Ewropea, meħtieġa għad-dħul tagħhom fis-seħħ.

Bil-għan li ma jiġux interrotti l-attivajiet tas-sajd tal-bastimenti Komunitarji fl-ilmijiet tas-Seychelles, u b'referenza għall-Protokoll emendat fil-21 ta' Marzu 2007 li jstabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-perjodu bejn it-18 ta' Jannar 2008 u s-17 ta' Jannar 2011, għandi l-unur ninfurmak li l-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles huwa lest japplika dak il-Protokoll b'mod proviżorju b'effett mit-18 ta' Jannar 2008, sakemm jidħol fis-seħħ skond l-Artikolu 13 tal-Ftehim, kemm-il darba l-Komunità Ewropea tkun lesta li tagħmel l-istess.

Huwa mifhum f'dan il-każ, li l-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja riveduta u stabbilita bl-Artikolu 2 tal-Protokoll kif emendat, jsir meta ż-żewġ Partijiet jinnotifikaw lil xulxin dwar it-twettiq tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll u ta' l-Anness tiegħu rivedut.

Inkun grat jekk tikkonferma l-qbil tal-Komunità Ewropea ma' l-applikazzjoni proviżorja msemmija.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejġ.

*Għall-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles*

*B. Ittra tal-Komunità Ewropea*

Sinjur,

Għandi l-pjaċir ninfirmak li rċevejt l-ittra tiegħek ta' llum li tgħid hekk:

“Huwa ta' pjaċir għalija li n-negozjaturi tar-Repubblika tas-Seychelles u tal-Komunità Ewropea waslu għal ftehim dwar l-emendi għall-Protokoll li jstipula l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja u l-Anness tiegħu.

Ir-riżultat ta' dawn in-negozjati li saru fi Brussell fl-20 u l-21 ta' Marzu 2007, servew biex jiġu riveduti l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja stipulati fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tas-Seychelles, għall-perjodu mit-18 ta' Jannar 2005 sas-17 ta' Jannar 2011. L-emendi għal dan il-Protokoll jinsabu annessi. Wara li l-Protokoll ġie emendat u inizjalat miż-żewġ Partijiet fil-21 ta' Marzu 2007, nipproponi li nġhadu għall-proċeduri ta' approvazzjoni u/jew ta' ratifika tat-testi tal-Protokoll kif emendat, ta' l-Anness tiegħu u ta' l-Appendiċi, skond il-proċeduri fis-seħħ fir-Repubblika tas-Seychelles u fil-Komunità Ewropea, meħtieġa għad-dħul tagħhom fis-seħħ.

Bil-għan li ma jiġux interrotti l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti Komunitarji fl-ilmijiet tas-Seychelles, u b'referenza għall-Protokoll emendat fil-21 ta' Marzu 2007 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-perjodu bejn it-18 ta' Jannar 2008 u s-17 ta' Jannar 2011, għandi l-unur ninfirmak li l-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles huwa lest japplika dak il-Protokoll b'mod proviżorju b'effett mit-18 ta' Jannar 2008, sakemm jidħol fis-seħħ skond l-Artikolu 13 tal-Ftehim, kemm-il darba l-Komunità Ewropea tkun lesta li tagħmel l-istess.

Huwa mifhum f'dan il-każ, li l-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja riveduta u stabbilita bl-Artikolu 2 tal-Protokoll kif emendat, jsir meta ż-żewġ Partijiet jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tweqqiq tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll u ta' l-Anness tiegħu rivedut.

Inkun grat jekk tikkonferma l-qbil tal-Komunità Ewropea ma' l-applikazzjoni proviżorja msemmija.”

Għandi pjaċir nikkonferma l-qbil tal-Komunità Ewropea dwar l-applikazzjoni proviżorja msemmija.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejek.

*Għall-Komunità*

---

## ANNEX

**Emendi għall-Protokoll li jiffissa, għall-perjodu mit-18 ta' Jannar 2005 sas-17 ta' Jannar 2011, l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tas-Seychelles**

L-Artikolu 2 tal-Protokoll huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

**Il-kontribuzzjoni finanzjarja – Metodi ta' ħlas**

1. Għall-perjodu stipulat bl-Artikolu 1, il-kontribuzzjoni finanzjarja stabbilita bl-Artikolu 7 tal-Ftehim huwa stabbilit għal EUR 24 750 000. Mit-18 ta' Jannar 2008, il-kontribuzzjoni finanzjarja ser tiġi emendata u stipulata għal EUR 28 440 000 għall-perjodu kollu tal-Protokoll.
2. Il-paragrafu 1 japplika b'riżerva tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4, 5, 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll.
3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1 għandha titħallas mill-Komunità fl-ammont ta' EUR 4 125 000 fis-sena, matul l-ewwel tliet snin tal-Protokoll. Mit-18 ta' Jannar 2008, il-kontribuzzjoni finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1 għandha titħallas mill-Komunità fl-ammont ta' EUR 5 355 000 fis-sena. Il-kontribuzzjoni finanzjarja applikabbli mit-18 ta' Jannar 2008, hija magħmula, parzjalment mill-ammont ta' EUR 4 095 000 fis-sena ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 63 000 tunnellata fis-sena, kif ukoll mill-ammont speċifiku ta' EUR 1 260 000 fis-sena, allokati għall-għajnuna u għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd fis-Seychelles. Dan l-ammont speċifiku huwa parti integrali mill-kontribuzzjoni finanzjarja waħdanija kif definita fl-Artikolu 7 tal-Ftehim.
4. Jekk il-kwantità totali ta' tonn maqbuda mill-bastimenti Komunitarji fiż-żoni tas-sajd tas-Seychelles jaqbeż is-63 000 tunnellata fis-sena, l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali titla' għal EUR 65 għal kull tunnellata supplimentari maqbuda. Madankollu, l-ammont annwali totali mħallas mill-Komunità ma jistax jaqbeż id-doppju ta' l-ammont indikat f'paragrafu 3 (EUR 10 710 000). Meta l-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti Komunitarji jeċċedu l-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-doppju ta' l-ammont totali annwali, l-ammont dovut għall-kwantità li taqbeż dak il-limitu, jitħallas is-sena ta' wara.
5. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandu jsir mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2008 għar-raba' sena u sa mhux aktar tard mid-data ta' l-għeluq tal-Protokoll għas-snin l-oħra.
6. B'riżerva għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7, il-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni finanzjarja taqa' taħt il-ġurisdiżjoni esklussiva tas-Seychelles.
7. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tiġi ddepożitata f'kont waħdieni tat-Teżor Pubbliku tas-Seychelles, fil-Bank Ċentrali tas-Seychelles. In-numru tal-kont huwa speċifikat mill-awtoritajiet tas-Seychelles.”

L-artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 7

**Il-promozzjoni ta' sajd responsabbli u sostenibbli fl-ilmijiet tas-Seychelles**

1. Għallinqas 56 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja li tissemma' fl-Artikolu 2(3), titħallas darba fis-sena, mit-18 ta' Jannar 2008, skond id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd fis-Seychelles, bl-għan li jiġi promoss sajd responsabbli u sostenibbli fl-ilmijiet tagħhom. L-amministrazzjoni ta' din il-kontribuzzjoni finanzjarja hija msejsa fuq il-ftehim komuni bejn iż-żewġ Partijiet, fuq għanijiet li jridu jintlaħqu u fuq il-programmazzjoni annwali u plurijannwali relatati.”

Is-subparagrafi 2, 3, 4 u 5 m'humiex emendati.

Emendi fl-Anness għall-Protokoll

**IL-KUNDIZZJONIJET GĦALL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD MILL-BASTIMENTI KOMUNITARJI FL-ILMIJET TAS-SEYCHELLES**

Kapitolu I – L-applikazzjoni u l-ħruġ tal-liċenzji, jinbidel b'dan li ġej

“KAPITOLU I

**L-APPLIKAZZJONI U L-ĦRUĠ TAL-LIĊENZJI**

TAQSIMA I

**Il-ħruġ tal-liċenzji**

1 sa 10. L-ebda emenda.

11. Madanakollu, fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea u f'każ ta' prova ta' *force majeure*, il-liċenzja ta' bastiment għandha tiġi sostitwita b'liċenzja ġdida li tinħareġ fuq bastiment ieħor ta' l-istess kategorija tal-bastiment sostitwit, mingħajr ħlas ulterjuri. Madanakollu, jekk it-tunnellaġġ gross (TG) tal-bastiment huwa ogħla minn dak tal-bastiment sostitwit, id-differenza fl-ammont dovut għandha titħallas *pro rata temporis*.

12 sa 14. L-ebda emenda.

TAQSIMA 2

**Il-kundizzjonijiet tal-liċenzja – ħlasijiet u ħlasijiet bil-quddiem**

1. Il-liċenzji għandhom validità ta' sena u jistgħu jiġġeddu.
2. Mit-18 ta' Jannar 2008, l-ammont dovut għandu jkun ta' EUR 35 għal kull tunnellata maqbuda fl-ilmijiet tas-Seychelles.
3. Il-liċenzji jinħarġu wara li jsir il-ħlas lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' l-ammonti segwenti:
  - EUR 21 000 għal kull bastiment għas-sajd tat-tonn bit-tartarun, ekwivalenti għall-ammont dovut għal 600 tunnellata ta' tonn maqbuda fl-ilmijiet tas-Seychelles,
  - EUR 4 200 għal kull bastiment tas-sajd bil-konzizzjiet tal-wiċċ ta' aktar minn 250 TG, ekwivalenti għall-ammont dovut għal 120 tunnellata ta' tonn maqbuda fl-ilmijiet tas-Seychelles,
  - EUR 3 150 għal kull bastiment tas-sajd bil-konzizzjiet tal-wiċċ ta' aktar minn 250 TG, ekwivalenti għall-ammont dovut għal 90 tunnellata ta' tonn maqbuda fl-ilmijiet tas-Seychelles.
4. L-ebda emenda.
5. L-ebda emenda.
6. F'każ li s-sidien tal-bastimenti jikkontestaw it-tnaqqis ppreżentat mill-SFA, jistgħu jikkonsultaw ma' l-Istituti xjentifiċi kompetenti għall-verifika ta' l-informazzjoni dwar il-qabdiet, bħall-Istitut għar-Riċerka u l-Iżvilupp (IRD), l-Istitut Oċeanografiku Spanjol (IEO) u l-Istitut għar-Riċerka dwar is-Sajd u l-Baħar (IPIMAR), u sussegwentement jikkomunikaw ma' l-awtoritajiet tas-Seychelles, li għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fir-rigward, biex jiġi stabbilit tnaqqis definittiv qabel il-31 ta' Mejju tas-sena kurrenti. F'każ ta' kontestazzjoni min-naħa tas-sidien tal-bastimenti sa din id-data, it-tnaqqis stabbilit mill-SFA jitqies bħala definittiv.
7. L-ebda emenda.
8. L-ebda emenda.
9. L-ebda emenda."

Kapitolu VI – L-Osservaturi, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU VI

**OSSERVATORI**

1. Il-bastimenti awtorizzati jistadu fl-ilmijiet tas-Seychelles fil-qafas tal-ftehim jistgħu itellgħu abbord osservaturi magħżula mill-organizzazzjoni reġjonali tas-sajd kompetenti, skond il-ftehim bejn il-Partijiet jew fin-nuqqas, mill-awtoritajiet tas-Seychelles, skond ir-regoli dettaljati stabbiliti hawn taħt.

1.1 sa 14. L-ebda emenda."

---